MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 397/2003/1

**Maria Stella Farrugia**

**v.**

**HSBC Bank Malta plc, Carmel Joseph Farrugia u Antsat International Limited ghal kull interess li jista' ikollha**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 2003, li tghid hekk:
"Premess illi l-konvenut Carmel Joseph Farrugia kien dahal bhala garanti solidali ghal dejn kuntrattat mill-

kumpanija Antsat International Limited favur is-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. (gja Mid Med Bank p.l.c.), u dan permezz ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Dicembru 1997.

"Premess illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Antsat International Limited et** (Citazz. Nru: 428/00), il-konvenut Carmel Joseph Farrugia kien gie kundannat sabiex bhala garanti solidali jaghmel tajjeb ghad-dejn tal-kumpanija Antsat International Limited;

"Premess illi bejn l-attrici u l-konvenut Carmel Joseph Farrugia kienet tezisti l-komunjoni ta’ l-akkwisti;

"Premess illi l-attrici ma kienet taf b’xejn bl-ghoti tal-garanzija minn Carmel Joseph Farrugia, u sadanittant hija kienet giet notifikata b’rikors ghall-bejgh bl-irkant tas-sehem indiviz ta’ zewgha fid-dar matrimonjali Charlestellville, New Street in Triq l-Isfar, Marsascala (Atti tas-Subbasta numru 34/2003);

"Premess illi l-garanzija moghtija mill-konvenut Carmel Joseph Farrugia kienet giet moghtija bi ksur tad-drittijiet ta’ l-attrici bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti flimkien ma’ zewgha Carmel Joseph Farrugia u in eccess tal-poteri moghtija lilu mil-ligi fir-rigward tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom;

"Premess illi ghalhekk il-garanzija moghtija mill-konvenut Carmel Joseph Farrugia lis-socjeta` konvenuta kienet nulla u bla effett billi nghatat minghajr il-kunsens ta’ l-attrici;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi u prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-ligi:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-garanzija li nghatat mill-konvenut Carmel Joseph Farrugia lil HSBC Bank Malta p.l.c. bhala garanti solidali ghad-dejn tal-kumpanija Antsat International Limited kienet nulla u invalida billi maghmula minghajr il-kunsens u l-adezjoni taghha bhala ko-partecipi

fil-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnha u bejn zewgha Carmel Joseph Farrugia.

"2. Tiddikjara li s-sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Antsat International Limited et (Citazz. Numru 428/00JRM) ma jista’ jkollha l-ebda effett fil-konfront tal-konvenut Carmel Joseph Farrugia.

"3. Tordna r-revoka ta’ l-atti tas-subbasta numru 34/2003 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmel Joseph Farrugia et.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-HSBC Bank Malta plc. li in forza taghha eccepiet illi:
"1. ili in kwantu l-ewwel talba l-garanzija la kienet nulla u l-anqas invalida, izda setghet biss tigi ezegwita fuq il-beni parafernali jew fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti sas-sehem ta’ Carmel Joseph Farrugia.

"2. illi ma kien hemm ebda bazi legali ghat-tieni talba, u s-sentenza hi certament valida fil-konfront ta’ Carmel Joseph Farrugia.

"3. illi r-revoka mitluba fit-tielet talba hi legalment insostenibbli. Is-subbasta impunjata hi bazata ghal kollox fuq il-provvedimenti ta' l-Artikolu 1329(1) tal-Kap. 16 li jiddisponi li kreditur li ma jistax jissodisfa kreditu kontra konjugi partikolari mill-assi parafernali ta’ dak il-konjugi, jista’ jagixxi fuq beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, limitatament ghas-sehem tal-konjugi debitur. Ghalhekk is-subbasta impunjata kienet ghal kollox regolari u skond il-ligi u t-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Joseph Farrugia li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi meta l-eccipjent iggarantixxa, solidalment mas-socjeta` Antsat International Limited, il-facilitajiet koncessi mill-Bank konvenut a favur ta’ l-istess socjeta` huwa kien talab lill-Bank, li accetta, illi martu ma jkollha x’taqsam xejn fl-ghoti tal-garanzija relativa; u inoltre l-konvenut ma

kienx gharraf lil martu li kien indahal bhala garanti solidali ghad-dejn tas-socjeta` Antsat International Limited.

"2. Bir-riserva espressa ta’ eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2005, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut dwar l-ewwel eccezzjoni jinghad li l-garanzija la hi nulla u l-anqas invalida fil-konfront tal-konvenut Farrugia izda qedgha tigi dikjarata nulla fil-konfront tal-attrici, u tista’ biss tigi ezegwita kif fuq inghad.

"Riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni li ma hemm ebda bazi legali ghat-tieni talba, is-sentenza hi certament valida fil-konfront ta’ Carmel Joseph Farrugia.

"Dwar it-tielet eccezzjoni r-revoka sejra tigi ordnata ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

"Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Farrugia li huwa kien talab lill-Bank, li accetta, illi martu ma jkollha x’taqsam xejn fl-ghoti tal-garanzija relativa ma gie ppruvat xejn dwar dan.

"Dwar it-talbiet attrici l-Qorti tilqa’ t-talba li tiddikjara u tiddeciedi li l-garanzija li nghatat mill-konvenut Carmel Joseph Farrugia lil HSBC Bank Malta p.l.c. bhala garanti solidali ghad-dejn tal-kumpanija Antsat International Limited kienet nulla u invalida fil-konfront taghha dwar propjeta` parafernali taghha u dwar sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti billi maghmula minghajr il-kunsens u l-adezjoni taghha bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnha u bejn zewgha Carmel Joseph Farrugia.

"Tichad it-tieni talba biex tiddikjara li s-sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Antsat International Limited et (Citazz. Numru 428/00JRM) ma jista’ jkollha l-ebda effett fil-konfront tal-konvenut Carmel Joseph Farrugia.

"Tilqa’ t-tielet talba u tordna r-revoka ta’ l-atti tas-subbasta numru 34/2003 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmel Joseph Farrugia et.

"Spejjez zewg terzi [2/3] kontra l-Bank konvenut, terz [1/3] kontra l-attrici hlief l-ispejjez tal-konvenut Farrugia li jbaghtihom hu stess."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi mill-provi jirrizulta f’din il-kawza li l-attrici u l-konvenut Carmel Joseph Farrugia kienu zzewgu fis-6 ta’ Gunju 1974; huma zzewgu Malta minghajr kitba ta’ zwieg. Minn dan johrog li z-zwieg tal-konjugi Farrugia huwa regolat taht is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-artikolu 1316 et tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi hemm prezunzjoni favur dan ir-regim meta ma jigix espressament eskluz. L-assi tal-komunjoni tal-akkwisti tinkludi d-dar Charlstel, Triq l-Isfar, Marsascala.

"Illi rrizulta li zewg l-attrici, il-konvenut Carmel Joseph Farrugia, dahal garanti solidali ghad-dejn kuntrattat mill-kumpanija Antsat International Ltd. favur is-socjeta` H.S.B.C. Bank Malta p.l.c., u dan permezz ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Dicembru 1997 (a fol 60-63). Irrizulta li s-socjeta` H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. fittxet lill-kumpanija Antsat International Ltd. ghall-hlas dovut, u eventwalment intalbet is-subbasta tad-dar li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant, l-attrici, bil-kawza odjerna, qed titlob li l-garanzija solidali li saret ghad-dejn tal-kumpanija Antsat hija nulla ghax saret ad insaputa taghha, u minghajr il-kunsens taghha. L-azzjoni hi bazata fuq l-artikolu 1326 (1) tal-Kap 16:

"“Atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta’ jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b’titolu gratuwitu.”

"Irrizulta b’mod car li l-attrici ma tat ebda kunsens; irrizulta li l-att sar biss mir-ragel ta’ l-attrici u mhux minnha. Hi ghalhekk qedgha taghmel it-talba biex l-att jigi annullat. Ma nghatat ebda eccezzjoni li l-kawza ma saritx fiz-zmien preskritt.  Jifdal ghalhekk li wiehed jara jekk fil-fatt l-att imsemmi kienx jehtieg il-kunsens tal-attrici.

"Il-ligi ssemmi fl-artikolu 1322 (3) l-atti ta’ aministrazzjoni straordinarja.  Fis-sub-artikolu  (h) issemmi l-kuntratt ghal xi garanzija.

"Galadarba gie stabbilit li l-ghoti ta’ garanzija huwa generalment meqjus bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja, irid jigi ezaminat jekk dak l-att li kien ta’ natura straordinarja, jidholx bhala parti mill-gestjoni normali tal-kummerc jew negozju ta’ Carmel Joseph Farrugia u kwindi hux kopert bl-artikolu 1324 tal-Kodici Civili.  L-artikolu 1324 tal-Kap 16 jiddisponi:

"“Atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f’dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kinux maghmula in relazzjoni ma’ dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja”.

"Dan l-artikolu jikkrea eccezzjoni ghar-regola generali li tinsab enuncjata fl-artikolu 1322 tal-Kap 16 imsemmi hawn fuq. Dak li ghamel ir-ragel ta’ l-attrici meta kkostitwixxa l-garanzija ma kienx att normali ta’ gestjoni tal-kummerc tieghu u ghalhekk peress li l-“att” ghandu jkun marbut ma’ dak in-negozju, kummerc jew professjoni ezercitat regolarment minn dak li jkun, suppost li mhux kopert bl-artikolu 1324 tal-Kap 16.

"Hawnhekk, ta’ min isemmi li l-gurisprudenza nostrana hija kunfliggenti f’dan ir-rigward.  Fis-sentenza fl-ismijiet, **Angele Calleja vs Claude Calleja et** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2002 inghad illi:

"“Dan l-artikolu izda mhux intiz biex jaghti ***mano libera*** lil dik il-parti li tkun qed tiggestixxi negozju, kummerc jew professjoni biex, minghajr xkiel tiddebita lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti b’dejn li altrimenti jkun suggett ghall-azzjoni ta’ annullament...”

"Ghalhekk din l-eccezzjoni ghar-regola ghandha tiftiehem b’mod restrittiv billi fl-ewwel lok dak l-“att” ghandu jkun marbut ma’ dak in-negozju, kummerc jew professjoni ezercitat regolarment minn dak li jkun, u fit-tieni lok din l-eccezzjoni hija ntiza sabiex taghti l-fakolta lin-negozjant jew professjonista li jagixxi ***de proprio*** minghajr il-htiega tal-konsorti kif rikjest fis-subinciz (2) tal-artikolu 1322.

"Dan ir-ragunament gie segwit ukoll fil-kawza fl-ismijiet **David Bonett vs Carmelo Borg u Mary Grace Borg** fl-20 ta’ Jannar 1999 li giet ikkonfermata fl-appell b’sentenza tas-6 ta’ Ottubru 1999.

"Hekk ukoll, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Anthony sive Ninu Frendo et vs Angelo Zahra et** deciza fil-31 ta’ Jannar 2003, irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti u rrimarkat li anke kieku l-att hemm impunjat kien jinkwadra ruhu bhala att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc jew negozju, dan ma kienx xorta jaggrava l-kumunjoni tal-akkwisti.

"Min-naha l-ohra, fil-kawza fl-ismijiet **Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Ltd. Chris Gauci et** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fid-9 ta’ Ottubru 2003 inghad illi:

"“Kieku att straordinarju li hu att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunx hemm lok tar-regola introdotta bl-artikolu 1324, ghax bhala att straordinarju ezercitat minn konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti fih innifsu. L-iskop tal-artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta’ terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att “normali ta’ gestjoni ta’ kummerc”.

"Fil-fatt, f'dan il-kaz, insibu referenzi ghal kawzi ohra fejn att ta' negozju gie meqjus li jaqa' taht l-artikolu 1324. Jissemmew il-kawza **Bonnet vs Borg** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fl-20 ta' Jannar 1999, fejn intqal li self li persuna tiehu u l-ghoti ta' kambjali in garanzija ghar-restituzzjoni, huwa att kopert bl-artikolu 1324. Kif ukoll, fil-kawza, **Simonds Farsons Cisk plc vs Doris Celeste** deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 2001, intqal li l-akkwist ta' self u l-iffirmar ta' ***exclusive purchase agreement*** huwa wkoll att li jaqa' taht l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili.

"Fil-kawza kkwotata hawn fuq jissemma wkoll l-artikolu 1330 tal-Kap 16 li jghid li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-krédituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom ***in subsidium*** kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin. Izda, jekk id-dejn in kwistjoni jinholoq mill-ezercizzju ta' negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324 l-ligi tkompli tghid li:

"“il-krédituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba, izda jistghu f'dawn il-kazijiet jinfurzaw it-talba taghhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma tithallasx mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba”.

"F'dan il-kuntest, ta' min isemmi d-distinzjoni bejn djun parafernali u dawk tal-komunjoni. Fil-fatt, l-artikolu 1328 tal-Kodici Civili jiddistingwu bejn dawn it-tnejn u jghid li l-krédituri tal-komunjoni jigu qabel dawk ta' parti partikolari fiz-zwieg. (Ara **Angela Demarco vs David Demarco et** deciza mill-Prim Awla fid-9 ta' Ottubru 2003). Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-Att XII tal- 1993, l-amministrazzjoni tal-komunjoni kienet fdata biss fir-ragel bhala “padrun tal-familja”, u ma kenitx tezisti distinzjoni bejn il-proprjeta` parafernali tar-ragel u l-assi tal-komunjoni. Izda, bl-emendi introdotti bl-Att XII tal- 1993, kemm ir-ragel kif ukoll il-mara, wara z-zwieg jibqghu jzommu kontroll personali fuq il-proprjeta` parafernali.

Ghalhekk, ir-ragel u l-mara jistghu jidhlu f'negozju u jintrabtu personalment ghax hemm id-distinzjoni bejn il-persuna guridika taghhom u dik tal-komunjoni.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, galadarba hemm din id-distinzjoni bejn il-proprjeta` parafernali tal-partijiet fiz-zwieg u l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, kwindi r-ragel jew mara jista' jidhol fin-negozju u jintrabat. Ghalhekk, il-kunsens tal-mara jew ragel huwa mehtieg biex dak il-ftehim jorbot il-komunjoni tal-akkwisti, izda mhux mehtieg ghall-validita` nnifsu tal-att. Jigifieri n-nuqqas tal-kunsens tal-mara jista' jwassal ghall-annullament tal-att in kwantu jolqot il-komunjoni tal-akkwisti, izda mhux tal-att innifsu. Id-dejn li assuma l-konjugi ma jistax jissejjah null peress li l-konjugi l-iehor ma kienx firmatarju jew peress li l-ftehim ma sarx bil-kunsens tal-konjugi l-iehor. L-att bhala tali huwa annullabli izda mhux null u infatti a tenur tal-artikolu 1326 jirrikjedi azzjoni biex jigi rez null u jekk din l-azzjoni ma tigix ezercitata taht certi kundizjonijiet u f'certu zmien jitqies validu. Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li wahda mill-konjugi tista' tagixxi wahedha u tista' tassumi kull obbligazzjoni li jidhirla, u dik l-obbligazzjoni tkun valida u torbot. Izda l-agir tal-konjugi wiehed jista' jolqot biss lill-konjugi firmatarju izda mhux lill-konjugi l-iehor.

"L-attrici ma taqbilx ma' dan u infatti fin-nota ghamlet referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Antonio Falzon nomine vs Avv Dr Edgar Buhagiar nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Marzu, 1948 [XXXIII.I.230] dwar in-nullita` assoluta u n-nullita` relativa. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li fil-kawza **Angele Calleja vs Claude Calleja et** inghad li annulament parzjali tal-obbligazzjonijiet ma jezistix u ghalhekk il-Qorti f'dik l-istanza ddecidiet li tali talba ma tistax tintlaqa'.

"Fis-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet **Angela Demarco vs David Demarco et** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003, kif ukoll fil-kawza **Aquilina noe vs Falzon et** deciza wkoll minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1998 il-Qorti qablet li mara mizzewga ghandha l-kapacita li tidhol f'obbligazzjonijiet minghajr il-kunsens jew l-assistenza ta' zewgha, u dan il-kuntratt gie affermat li ma

kienx null izda validu fil-konfront tal-mara biss. Li kieku l-att ma jigix ikkunsidrat validu, kieku kull kuntratt li jinvolvi att ta’ natura straordinarja li jigi ffirmat minn konsorti wahdu jista’ jigi kkunsidrat null [u mhux annullabbli] u dan zgur ma kienx l-iskop tal-legislatur meta gew introdotti l-emendi bl-Att XII tal-1993.

"Issa l-kwistjoni li ghad fadal tigi kkunsidrata, hija li la darba gie affermat li l-att huwa validu fil-konfront tal-konvenut Carmel Joseph Farrugia biss, minhabba l-garanzija solidali li ta, x’ser jigri. Illi fil-fatt, gie riferut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. li t-talbiet attrici ma jwasslux ghan-nullita` tal-obbligazzjoni, izda ***se mai*** li dik l-obbligazzjoni ma tolqotx il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Farrugia izda tkun biss obbligazzjoni parafernali tal-konvenut Carmel Joseph Farrugia.

"Fil-kaz in ezami Carmel Joseph Farrugia li kien jiggestixxi l-kumpanija Antsat International Ltd. kellu d-dritt li jiffirma l-att u jidhol bhala garanti ghan-nom tal-kumpanija [ghalkemm mhux bil-komunjoni tal-akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara]. Ghaldaqstant, l-att ***per se*** ma jistax jigi annullat fil-kaz odjern, izda l-effetti tieghu ma jistghux jolqtu lill-attrici. Galadarba l-mara tieghu ma kinitx infurmata, u ma kenitx firmatarju fuq l-att, ghalkemm il-Bank konvenut sostna li l-mara kienet a konjizzjoni ta’ l-att, ma ngiebet ebda prova ta’ dan. Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li l-iskrittura ffirmata mir-ragel hija valida, torbot lilu u ghandu jaghmel tajjeb bil-beni parafernali tieghu.

"Izda, fin-nuqqas tal-beni parafernali tieghu, japplika l-artikolu 1329(1) tal-Kap 16:

"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta’ dan l-artikolu, il-kredituri ta’ parti fiz-zwieg ghal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta’ l-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iz-zwieg jew wara, jistghu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistghu jissodisfaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali ta’ dik il-parti, jinforzaw it-talba taghhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta’ l-

akkwisti izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

"Stante li l-kreditur ma setax jissodisfa l-kreditu tieghu mill-assi parafernali tad-debitur konvenut, u stante li l-kumpanija Antsat m’ghandhiex assi, il-kreditur jista’ jdur fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, izda dan biss sa nofs il-valur taghha, peress li n-nofs l-iehor jappartjeni ghall-attrici. Izda dejjem li b’dan l-agir ma tigix milquta t-tgawdija specifika u diretta tal-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti. Fir-rigward tat-talba attrici ghas-sospensjoni tas-subbasta jinghad li l-iskrittura saret biss f’isem il-konvenut Farrugia, f’isem is-socjeta` debitrici Antsat International Ltd., u bhala garanti solidali skond il-ligi, il-Bank seta’ jagixxi biss kontra dan id-debitur. Jekk is-subbasta sejra tolqot id-drittijiet residenzjali tal-attrici [drittijiet diretti u specifici li l-legislatur ried jaghmel meta introduca l-emendi relativi ghax altrimenti xi protezzjoni jkun ta l-legislatur lill-mara jekk lanqas biss ma jipprotegiha fir-<u>residenza</u> f’kaz bhal dan – oltre ghall-fatt li l-attrici odjerna qatt ma kienet parti fil-kawza 428/02JRM, kif ukoll ghall-fatt iehor li fl-atti tas-subbasta l-Bank mhux qieghed jipprocedi biss kontra min huwa debitur f’dik il-kawza] din ma tistax tissussisti fil-prezent. Ghalhekk it-talba ghas-sospensjoni tas-subbasta trid tigi akkolta."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-13 ta' Gunju 2005, in kwantu din cahdet it-tieni talba taghha u ddikjarat li l-garanzija kienet torbot lill-appellat Carmel Joseph Farrugia u ghalhekk tghaddi biex tiddikjara li l-garanzija ma torbotx lill-appellat Carmel Joseph Farrugia u tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, u tikkonfermaha ghall-kumplament. Bl-ispejjez kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appell u l-appell incidentali tal-bank konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li prevja li tilqa' l-appell incidentali din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici u billi cahdet it-tieni talba, izda tirrevokaha in kwantu laqghet it-

tielet talba attrici billi tiddeciedi li din it-tielet talba ghar-revoka ta' l-atti tas-subbasta 34/2003 fl-ismijiet- **HSBC Bank Malta p.l.c. v. Carmel Farrugia et**, tigi michuda, u dan bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza ticcentra fuq garanzija personali li l-konvenut Carmel Joseph Farrugia kien ghamel fl-4 ta' Dicembru 1997, ghal self li l-kumpanija tieghu, is-socjeta` konvenuta Anstat International Ltd., kienet hadet minghand il-bank konvenut. L-attrici, li tigi mart l-imsemmi Carmel Joseph Farrugia, qed tallega li dik il-garanzija hi nulla peress li ma gietx iffirmata minnha wkoll bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti allura pendenti bejnha u zewgha.

L-ewwel Qorti kienet cahdet din it-tieni talba, pero`, osservat li dik il-garanzija, bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, ma kenitx torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda biss il-beni parafernali ta' l-imsemmi Carmel Joseph Farrugia.

L-attrici appellat u baqghet issostni li l-garanzija kellha tigi ddikjarata nulla fl-interezza taghha.

Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi attrici, u dan kif diga` osservat f'sitt sentenzi li tat fl-1 ta' Gunju 2007, in relazzjoni mal-garanziji personali li kienu taw lis-*suppliers* tal-kumpanija d-diretturi u l-*financial comptroller* tal-Price Club (Operators) Ltd. In partikolari, issir referenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti fil-kawza **Demarco v. Demarco et**, fejn giet konfermata s-sentenza ta' prim istanza fis-sens li meta att ta' amministrazzjoni straordinarja jsir minn parti wahda fiz-zwieg, il-konsegwenza mhux in-nullita` *in toto* ta' l-att, izda biss illi ma jorbotx lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-posizzjoni hi li meta persuna mizzewga taht ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti tissottoskrivi dokument

ta' fidejussjoni, minghajr il-kunsens tal-konsorti fiz-zwieg, dik il-persuna li tkun dahlet ghal dik l-obbligazzjoni tibqa' marbuta bih, filwaqt li l-konsorti ma tkunx. Kif kienet qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, wara konfermata minn din il-Qorti,
"*ir-ragel u l-mara mhux eskluzi milli jidhlu f'negozju u jintrabtu personalment, ghax huma zammew il-personalita` guridika taghhom indipendenti minn dik il-komunjoni. Kwindi ma jistax jigi eskluz li kull konsorti li agixxa f'ismu jkun qed jorbot biss lilu nnifsu. Infatti, l-Artikolu 1328 jiddistingwi bejn djun parafernali u dawk tal-komunjoni u jghid li ceteris paribus il-kredituri ta' l-ahhar jigu qabel dawk ta' l-ewwel, imma djun parafernali, mahluqa mill-konsorti li jagixxi wahdu, jistghu jinholqu anke wara z-zwieg (ara Artikolu 1329) u huma validi*."

Kwindi, l-appell principali qed jigi michud.

Ghar-rigward ta' l-appell incidentali tal-bank konvenut, din il-Qorti tghid li taqbel mieghu. Skond l-Artikolu 1329(1) tal-Kodici Civili, kreditur ta' persuna mizzewga li ma jistax jissodisfa l-kreditu tieghu kontra l-beni parafernali ta' dik il-persuna, jista' jenforza l-kreditu in subsidium "*kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti*".

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-bank kreditur ma setax jissodisfa l-kreditu tieghu mill-assi personali ta' Carmel Joseph Farrugia, u stante li l-kumpanija konvenuta, Antsat International, m'ghandhiex assi, jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni, sa nofs il-valur taghha, biex jithallas dak li hu dovut. Biex jaghmel dan, jehtieglu jissekwestra l-oggetti tal-komunjoni u jipprocedi ghall-bejgh gudizzjarju taghhom, u jitlob li jizbanka <u>nofs</u> ir-rikavat halli jithallas dak li hu tieghu. Fil-fatt, l-Artikolu 1329(2) jipprovdi li
"*Bla hsara ghall-jedd tal-parti mizzewga lid-debitur li jitlob is-separazzjoni gudizzjarja tal-beni, il-parti mizzewga lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi ghal att li jinforza xi kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni ta' l-akkwisti hlief meta l-beni li fuqhom tkun qeghda ssir l-ezekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti mizzewga lid-debitur.*"

F'dan il-kaz, il-bank konvenut talab il-bejgh bis-subbasta ta' fond li jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi Farrugia. Fid-dawl tad-disposizzjoni espressa tal-ligi, l-attrici ma tistax, allura, topponi ghal att tas-subbasta, u din il-procedura ghandha tithalla titkompla, b'dan li, fuq ir-rikavat mill-bejgh, il-bank konvenut jista' jenforza l-kreditu tieghu biss fuq nofs dak ir-rikavat, bin-nofs l-iehor jigi segregat u riservat ghall-attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali ta' l-attrici billi tichdu fl-interezza tieghu, u mill-appell incidentali tal-bank konvenut billi tilqghu u kwindi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu laqghet it-tielet talba attrici, u tghaddi minflok biex tichad din it-tielet talba attrici, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk tal-proceduri in seconda istanza ghandhom jithallsu kollha mill-attrici Maria Stella Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------